31 ta' Mejju, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Maria Antonia Farrugia *versus* Carmelo Fenech ne. et.

## Self — Mara — Komunjoni tal-Akkwisti — Likwidazzjoni — Art. 1373 (1) u 1367 (a) tal-Kodiċi Ċivili

*Self magħmul lil mara miżżewġa bil-kunsens u assistenza ta' żewġha huwa a kariku tal-komunjoni tal-akkwisti, u r-raġel jirrispondi għal dak id-dejn mhux biss bis-sehem tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti, imma anki bil-beni tiegħu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Għaldaqstant, l-azzjoni tal-kreditur għar-restituzzjoni ta' dak is-self, meta hija mressqa kontra dik il-mara u kontra l-eredità ġjaċenti ta' żewġha, li kien mejjet meta ġiet proposta l-istanza, hija istitwita sewwa; u xejn ma tiswa l-allegazzjoni li l-komunnjoni hija passiva, għax din l-alle-*

*gazzjoni ma tinteressax l-istadju fejn tiġi mitluba l-awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt tas-self, imma tista' jkollha importanza fl-istadju tal-eżekuzzjoni effettiva ta' dak il-kuntratt, fil-każ li l-mara tiġi msejħa għall-adempiment tal-obligazzjoni hemm kontenuta bil-beni tagħha proprji oltre s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*U ladarba t-talba għall-awtorizzazzjoni biex jiġi eżegwit dak il-kuntratt ta' self hija diretta kontra l-mara u l-eredità ġjaċenti ta' żewġha, u għalhekk hi proposta bil-preżenza tal-interessati kollha, ebda ostakolu ma jista' jidderiva kontra dik it-talba mill-fatt li tkun għadha ma saretx il-likwidazzjoni tal-akkwisti; billi dik il-likwidazzjoni, għalkemm tal-voka neċessarja fir-rapporti nterni tal-konvenuti, ma tistgħax tfixkel u tirritarda l-azzjoni tal-kreditur biex jirreklama d-drittijiet tiegħu; u konsegwentement mhix aċċettabbli l-eċċezzjoni fis-sens li l-ġudizzju mhuwiex ritwalment osservat għax id-domanda tal-attur għal dik l-awtorizzazzjoni ma ġietx preċeduta minn talba għall-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali, debitur ta' dak is-self.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attriċi, wara li ppremettiet li b'att tan-Nutar Dottor Robert Girard tas-16 ta' Diċembru 1953 (dok. A) hija silfet lill-konvenuta Carmela Fenech is-somma ta' £100, restitwibbli fi żmien sentejn, bl-imgħaxijiet tal-5% fis-sena; u li dan id-debitu huwa debitu tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuta u żewġha Spiridione Fenech, u għalhekk l-istess Spiridione Fenech kien tenut għall-pagament tiegħu personalment, skond il-liġi; u illi t-terminu stipulat skada, u la l-kapital u lanqas l-imgħaxijiet skaduti fis-16 ta' Diċembru 1954 u fis-16 ta' Diċembru 1955, ammontanti għal £10, ma tħallsu, non ostanti li saret interpellazzjoni ġudizzjarja għall-pagament, u li l-kuntratt fuq indikat ma għandux il-forza ta' titolu eżekuttiv, stante l-mewt tal-imsemmi Spiridione Fenech; wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti kollha opportuni, talbet illi, prevja, jekk ikun hemm bżonn, il-kundanna tal-imsemmi Carmelo Fenech nomine għar-res-

tituzzjoni tas-somma ta' £100 mislufa mill-attriċi bl-att fuq *indikat u bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, u* dan għar-raġunijiet premessi, tiġi awtorizzata tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Robert Girard tas-16 ta' Diċembru 1953, għall-pagament tas-somma ta' £100 mislufa minnha u tal-imgħaxijiet sad-data tal-pagament fuq il-proprjetà tal-komunjoni tal-akkwisti u dik formanti parti mill-assi tal-imsemmi Spiridione Fenech, u dan għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar 1956 u tas-27 ta' April 1956, u *tar-rikors għall-bandi għan-nomina ta' kuraturi, kontra* l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-13 ta' Frar 1957, li biha l-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi b'att tas-16 ta' Diċembru 1953, f'idejn in-Nutar Dr. Robert Girard (dok. A), Marcello Farrugia, bħala mandatarju tal-attriċi, ta b'self lill-konvenuta Carmela Fenech, *li dehret fuq l-att bil-kunsens, intervent u assistenza ta'* żewġha Spiridione Fenech, il-lum mejjet, is-somma ta' £100......;

Illi l-attriċi talbet li...... hija tiġi awtorizzata tgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt għall-pagament tas-somma mislufa u l-imgħaxijiet fuq il-proprjetà tal-komunjoni tal-akkwisti u dik formanti parti mill-assi tal-imsemmi Spiridione Fenech;

Illi skond l-art. 1373 tal-Kodiċi Ċivili, id-djun magħmula mill-mara bil-kunsens tar-raġel jaqgħu fuq l-akkwisti; u s-self in kwistjoni sar bil-kunsens, intervent u assistenza ta' żewġ il-konvenuta;

Illi l-konvenuta opponiet li l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u żewġha hi passiva, iżda xehdet li żewġha kellu post li kien bena qabel iż-żwieġ, u li kellu fama ta' wieħed tal-flus, u kienet ratu jgħodd il-flus;

Illi, darba li l-attriċi qegħedha titlob l-awtorizzazzjoni li teżegwixxi l-imsemmi kuntratt tant fuq il-proprjetà tal-komunjoni tal-akkwisti u tant fuq l-assi partikulari ta' żewġ il-konvenuta, hu meħtieġ li l-ewwel jiġi firmat u likwidat l-assi soċjali konjugali bejn il-konvenuta u Spiridione Fenech;

Illi, peress li l-attriċi ma ppremettietx talba għall-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali kif intqal, il-ġudizzju ma ġiex ritwalment osservat;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u rat il-petizzjoni tagħha, fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi dikjarat li l-ġudizzju hu integru u ritwali, u b'hekk jiġu respinti l-eċċezzjonijiet tal-irritwalità sollevati mill-konvenuti, u jiġu mogħtija l-provvedimenti kollha konsegwenzjali għad-definizzjoni tal-kawża fil-meritu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bil-kuntratt imsemmi bl-att taċ-ċitazzjoni, riċevut minn Nutar Dr. Robert Girard fis-16 ta' Diċembru 1953 (fol. 4), l-appellanti silfet lill-konvenuta Carmela Fenech, bil-kunsens u assistenza ta' żewġha Spiridione Fenech, is-somma ta' £100, bil-kondizzjonijiet fl-istess kuntratt indikati. Id-debitu riżultanti minn dak il-kuntratt huwa a kariku tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-imsemmijin konjuġi Fenech (art. 1373(1) tal-Kodiċi Ċivili); u r-raġel jirrispondi għalieħ mhux biss bis-sehem tiegħu tal-komunjoni, imma anki bil-beni tiegħu proprji, mentri l-mara hija biss responsabbli sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti (art. 1367(2) Kod. ċit.). Dan iġib għall-konsegwenza li l-azzjoni preżenti ġiet imressqa tajjeb kontra Carmela Fenech, li dehret fuq l-att bħala debitriċi, u li hija tenuta għar-restituzzjoni tas-somma lilha misłufa fil-limiti tas-sehem tagħha mill-akkwisti, u kontra l-eredità ġjaċenti ta'

Spiridione Fenech, li hu tenut għal dik ir-restituzzjoni bħala kap tal-akkwisti u bil-beni tiegħu partikulari, oltre dawk komponenti l-akkwisti. Jekk dik il-komunjoni hija passiva, kif tallega l-appellata Carmela Fenech, mhix ħaġa li tinteressa l-preżenti vertenza, intiża biex tirrendi eżegwibbli l-kuntratt fuq imsemmi, u jista' jkollha importanza fl-istadju tal-eżekuzzjoni effettiva ta' dak il-kuntratt, jekk il-konvenuta Carmela Fenech tiġi msejħa għall-adempiment tal-obligazzjoni hemm kontenuta bil-beni tagħha proprji oltre s-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti;

Ikkunsidrat;

Illi, fuq eċċezzjoni analoga tal-konvenuta Carmela Fenech, l-Ewwel Qorti lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, billi rriteniet li l-ġudizzju ma ġiex ritwalment osservat, għaliex l-attriċi ma ppremettietx it-talba għall-likwidazzjoni tal-assi soċjali konjugali tal-imsemmijin Spiridione u Carmela ġa konjuġi Fenech. L-Ewwel Qorti dehrilha li qabel issir il-likwidazzjoni ta' dak l-assi ma setgħetx tiġi *inizjata din il-kawża, billi l-appellanti qegħedha* titlob l-awtorizzazzjoni biex teżegwixxi l-imsemmi kuntratt "fuq il-proprjetà tal-komunjoni tal-akkwisti u dik formanti parti mill-assi tal-imsemmi Spiridione Fenech". Dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti ma hux aċċettabbli, in vista' ta' dak li ntqal fil-paragrafu ta' qabel dan, mnejn jidher li l-azzjoni kif proposta hija skond il-liġi u bil-preżenza fil-kawża tal-interessati kollha. Ebda ostakolu għall-propożizzjoni ta' din l-istanza ma jista' jidderiva mill-fatt li għadha ma saretx il-likwidazzjoni tal-assi konjugali fuq imsemmi; billi dik il-likwidazzjoni, għalkemm talvolta neċessarja fir-rapporti nterni tal-konvenuti, ma tistgħax tfixkel jew tirritarda l-azzjoni tal-kreditur biex jirreklama d-drittijiet tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, għalhekk, il-ġudizzju huwa integru u ritwali, u d-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni jirriżultaw ġustifikati;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-13 ta' Frar 1957, tiddikjara integru u ritwali l-ġudizzju, u hekk tirrespinġi l-eċċezzjoni kuntrarja tal-konvenuti; u tilqa' d-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti.